

# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA

**S5.1.5**

L-importanza tal-Bliet il-Qodma fil-passat meta nqabbluha mal-preżent.

**A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| jmexxu | fir-raħal | importanza | nazzjon |
| Rabat | l-Imdina | għat-tmexxija | tal-karozzini |
| jirreklama | differenti | il-pirati | tal-kummerċ |



Meta nitkellmu dwar l-ibliet il-qodma tal-Gżejjer Maltin inkunu qegħdin nitkellmu l-iktar dwar l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.

Dawn l-ibliet minn dejjem kellhom _________ kbira għalina l-Maltin u l-Għawdxin. Fil-passat l-ibliet il-qodma kienu importanti _________________ tal-Gżejjer Maltin, għad-difiża, għall-kummerċ u għas-sigurtà tal-popolazzjoni. Hekk insibu li l-gvern ta' Malta, bil-ħakem u l-uffiċjali kollha li _________________ l-gżejjer, kont issibhom _________________. Meta jingħata s-sinjal li hawn _________________, kulħadd kien jerħilha għall-kenn wara s-swar, il-Maltin għall-Imdina u l-Għawdxin għaċ-Ċittadella.

Il-bliet il-qodma kienu ċ-ċentru _________________. Meta wieħed kien ikollu bżonn jixtri xi ħaġa li ma jsibhiex _________________ tiegħu, kien imur l-Imdina, il-Birgu jew iċ-Ċittadella bħalma llum immorru l-Belt Valletta.



Ninnutaw illi maġenb l-Imdina u ċ-Ċittadella kibru żewġt ibliet kbar, it-tnejn jisimhom __________________. Permezz ta' dan, il-kummerċ kompla jikber iktar.

Illum l-ibliet il-qodma għandhom importanza ferm __________________ minn ta' dari. Huma saru parti importanti mill-identità tagħna. Huma parti mill-istorja tagħna, parti mill-memorja li għandna bħala __________________ . Għalhekk huwa ta' min ifaħħar lil bosta għalliema li minn dejjem raw l-importanza taż-żjarat edukattivi f'dawn l-ibliet il-qodma. Ta' min ukoll ikompli jinkoraġġixxi iktar żjarat f'dawn l-ibliet.

Ma tistax iżżur il-Gżejjer Maltin u ma tmurx sal-Imdina, sal-Birgu u saċ-Ċittadella. Jekk taqbad *brochure* li __________________ l-vaganzi f'Malta, żgur li fir-ritratti tilmaħ xeni ta' dawn l-ibliet. It-turisti jħobbuhom ħafna lil dawn l-ibliet qodma. Fihom hemm ħafna x'tara, issib bosta ristoranti u ħwienet minn fejn tixtri s-suvenirs. Xena komuni f'dawn l-ibliet hija __________________ għaddejjin bit-turisti u tal-gwidi jispjegaw lit-turisti dwar il-postijiet ta' nteress li nsibu f'dawn l-ibliet. Ma ninsewx kemm it-turiżmu jagħmel ġid lill-ekonomija Maltija. Bosta Maltin u Għawdxin jagħmlu l-kummerċ u jaqilgħu l-flus meta joffru servizzi lit-turisti li jżuruna.

**B. Uża dak li tgħallimt dwar l-ibliet il-qodma biex twieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Agħti żewġ raġunijiet għaliex l-Imdina kienet importanti fil-passat.

   a) ________________________________________________

   b) ________________________________________________

2. X'inhi l-importanza tal-Imdina llum? (semmi punt wieħed).

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'jismu l-kastell li minn dejjem offra iktar sigurtà lil min kien joqgħod il-Birgu?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Għaliex taħseb li anke llum, iċ-Ċittadella hija ta' benefiċċju għal pajjiżna?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Semmi raġuni waħda għaliex għandna nieħdu ħsieb sew dawn it-tlett ibliet qodma.

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Meta tiġri xi ħsara f'xi waħda minn dawn it-tlett ibliet. X'għandna nagħmlu?

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Fiż-żjarat li nagħmlu l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella, dejjem niltaqgħu ma' ħafna turisti. Għaliex taħseb li għalina l-Maltin huwa tajjeb meta ħafna turisti jżuru Malta?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Kieku jiġi fuqek turist u jgħidlek li għandu ċans jara post wieħed biss fl-Imdina, kieku fejn tissuġġerilu li jmur iżur? U għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. Kieku jiġi fuqek turist u jgħidlek li għandu ċans jara post wieħed biss fiċ-Ċittadella, kieku fejn tissuġġerilu li jmur iżur? U għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Kieku jiġi fuqek turist u jgħidlek li għandu ċans jara post wieħed biss fil-Birgu, kieku fejn tissuġġerilu li jmur iżur? U għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

